# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 11**

**Rikors numru 4/08 AE**

**Alfred Debono u martu Theresa Debono ghal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tat-2 ta' Frar 2010 il-kawza tkompliet ukoll f'isem Carmelo, Joseph u Mark Anthony ahwa Debono wara l-mewt tal-attur**

**v.**

**Joseph Debono u Ignatius Debono**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment li qed jinghata fuq id-diversi rikorsi/talbiet li tressqu mill-appellanti Carmelo, Joseph, u Mark Anthony ahwa Debono fil-mori tal-appell quddiem din il-Qorti, u dana wara s-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju, 2013. Ir-rikorsi sejrin jigu trattati seriatim.

## 1. Nota/Talbiet ipprezentata fis-6 ta' Novembru, 2013

B'din in-nota l-appellanti qed jilmentaw mill-fatt li l-ewwel faccata tar-rikors tal-appell taghhom gie mibdul mill-prokuratur legali mqabbad minnhom biex jipprezenta l-att, u dan kontra l-mandat espress tal-istess appellanti. Minn ezami tal-atti jidher car li s-sostituzzjoni tal-ewwel faccata saret peress li dik originali kienet difettuza. Kienet tikkontjeni t-twissija li hi rikjesta meta tinfetah kawza fil-prim istanza, saret b'rikors guramentat, meta l-atti quddiem din il-Qorti ma jinbdewx b'att simili, u thallew barra n-numri tal-karta tal-identita` kif rikjest bil-ligi. Ir-Registratur tal-Qorti, meta ra l-att, ipprovda diversi korrezzjonijiet biex isalva l-istess, u kull ma sar, allegatament mill-prokuratur legali, kien li diligentement issostitwixxa faccata mimlija korrezzjonijiet u qtugh, b'ohra aktar pulita li tirrispekkja fedelment il-kontenut tal-ewwel faccata tal-att originali, izda bil-korrezzjonijiet inkluzi. L-appellanti ma gew bl-ebda mod pregjudikati b'dak li sar, u lanqas ma tara ghalfejn din il-Qorti ghandha tippermetti li terga' tigi infilzata pagna mimlija zbalji. Ir-Registratur tal-Qorti ghandu, veru, ihares l-integrita` tal-atti, pero`, ghandu obbligu ma jaccettax atti mhux konformi mal-ligi. F'dan il-kaz, ir-Registratur, flok qabad u rrifjuta l-presentata tal-att, probabilment bi ftehim mal-prokuratur legali tal-appellanti, ipprovda ghall-diversi korrezzjonijiet biex igib l-atti konformi mal-ligi. Dik il-faccata giet wara

sostwita b'wahda ppreparata mill-ewwel konformi mal-ligi. Jekk hemm xi zbalji fin-numru tal-karta tal-identita` tal-appellanti, li kellhom jitnizzlu originarjament mal-ismijiet ta' min qed jappella (u mhux fl-ahhar tar-rikors t'appell), dawn jistghu facilment jigu arrangati wara talba appozita li ssir lil din il-Qorti, jekk ikun il-kaz.

It-talbiet ta' din in-Nota qed jigu michuda.

L-istess qed jigi deciz fil-konfront ta' rikors identiku li, ghal xi raguni, tressaq mill-istess appellanti fit-22 ta' Novembru, 2013.

**2. Rikors ipprezentat fis-27 ta' Frar, 2017**

B'dan ir-rikors, ir-rikorrenti Joseph Debono, Carmelo sive Carl Debono u Mark Anthony Debono qed jitolbu t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isimhom wara l-mewt ta' ommhom Theresa fil-mori tal-proceduri. Huma qed jitolbu wkoll it-trasfuzjoni tal-gudizzju anke wara l-mewt ta' missierhom Alfred, pero`, din kienet diga saret mill-ewwel Qorti b'digriet tat-2 ta' Frar, 2010, u allura ma hemmx bzonn ta' provvediment ulterjuri.

Ghar-rigward tal-omm, mid-dokumenti esebiti fl-atti, jirrizulta li r-rikorrenti huma l-unici werrieta ta' ommhom Theresa Debono, u dawn ghandhom l-interess mehtieg biex jissokktaw f'isimhom dawn il-

proceduri, u ghandhom isiru l-annotazzjonijiet mehtiega biex dan jigi rispekjat fl-atti tal-appell.

Dan ir-rikors qieghed, ghalhekk, jigi milqugh.

## 3. Rikors ipprezentat fit-28 ta' Frar, 2017

B'dan ir-rikors ipprezentat fl-ahhar udjenza quddiem din il-Qorti, l-appellanti Joseph Debono, Carmelo sive Carl Debono u Mark Anthony Debono qed jitolbu li jigi dikjarat illi huma m'humiex tenuti jipprovdu garanzija ghall-ispejjez tal-appell (il-hekk imsejha kawtela) u li, f'kull kaz, ghandhom jigu awtorizzati biex, minflok garanzija fi flus, jipprezentaw garanzija bil-gurament. L-appellanti jissottomettu li m'ghandhomx ihallsu kawtela ghal diversi ragunijiet li, pero`, kollha m'ghandhomx mis-sewwa. Il-fatt li fis-sentenza appellata l-konvenuti gew akkollati bl-ispejjez tal-kawza, ma jbiddilx l-oneru fuq min jappella li jhallas hu l-kawtela. Jekk il-kawtela ma tigix ipprezentata, l-appell, fit-termini tal-Artikolu 209 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jmur dezert. L-appellanti ghandhom l-interess principali li jsalvaw l-appell minnhom introdott, u jekk dan ma jaghmlhux, il-konsegwenzi huma fatali ghalihom. Fir-rigward tal-ammont tal-garanzija dan jinhadem, kif titlob il-ligi, fuq bazi ta' dak mitlub, u f'dan il-kaz l-appellanti talbu espressament il-hlas tas-somma ta' €339,497.24,

oltre somom ohra *da liquidarsi*. Hija l-ligi li timponi l-garanzija u li tghid kif din tinhadem, u r-Registratur ma hu tenut jaghti ebda spjegazzjoni; din tinhadem *ad valorem* skont it-Tariffa A, annessa mal-imsemmi Kap. 12, Artikolu 3. Kif inhu maghruf, id-drittijiet dovuti fl-ewwel istanza, skont it-Tariffa imsemmija jizdiedu b'terz ghall-appell. Din hi l-ligi li kull avukat hu tenut li jaf u ma hemmx htiega li d-"dettalji" tal-ligi jitnizzlu fit-talba ghall-hlas tal-kawtela.

Il-fatt li, fil-mori ta' dan l-appell, saret rinunzja tal-patrocinju tal-appellanti u tad-drittijiet taghhom mid-difensuri li ffirmaw l-appell, ma jfisser xejn ghax il-kawtela ssir bhala garanzija ghad-dritt tar-Registratur tal-Qorti u tal-ispejjez tal-appellat. Kwindi, la sar appell, trid issir il-garanzija.

Fir-rigward tat-talba ghall-beneficcju tal-garanzija b'gurament, din it-talba, skont l-Artikolu 249 tal-imsemmi Kap. 12, kellha ssir mhux aktar tard minn jumejn mid-data stabbilita ghas-smigh tal-appell. F'dan il-kaz it-talba saret fil-jum stess tas-smigh, u allura ma hijiex konformi mal-ligi u hi nulla.

Din il-Qorti tinnota li l-appellanti jghidu car f'dan ir-rikors taghhom illi huma gew notifikati bl-avviz ghall-hlas ta' garanzija ghall-ispejjez tal-appell, u darba hu hekk kellhom l-oneru li jikkawtelaw l-appell taghhom skont il-ligi. Inoltre, il-fatt li wiehed mill-appellanti ma ghandu ebda

introjtu, hi ta' ftit relevanza peress li l-obbligu fuq l-appellanti ghall-hlas tal-kawtela hija wahda *in solidum* (ara digriet moghti minn din il-Qorti fl-14 ta' Gunju, 2011, fil-kaz numru 453/08).

Darba li ma saretx il-kawtela kif trid il-ligi, l-appell in kwistjoni ghandu jigi dikajrat dezert, u dan ir-rikors qed jigi michud.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti, peress illi l-appell ta' Joseph Debono, Carmelo sive Carl Debono u Mark Anthony Debono ma giex kawtelat skont il-ligi, tiddikjara l-istess appell dezert.

Il-kawza differita biex tigi miftehma data ghat-trattazzjoni tal-appell ta' Joseph Debono u Ignatius Debono.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb